IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.8.2020
COM(2020) 351 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċitar tas-setgħa biex jiġu adottati atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva (UE) 2015/2193 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċitar tas-setgħa biex jiġu adottati atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva (UE) 2015/2193 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva (UE) 2015/2193[1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 daħħlet fis-seħħ qafas regolatorju li jillimita l-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit (SO_2), tal-ossidi tan-nitroġenu (NOx) u tat-trab fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji, bil-ħsieb li jitnaqqsu r-riskji relatati mas-saħħa tal-bniedem u mal-ambjent. Din id-Direttiva tistabbilixxi wkoll ir-regoli għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-monossidu tal-karbonju (CO). Fl-Artikolu 13 tagħha tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex taġġusta d-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fil-punt 2 tal-Parti 2 tal-Anness III tagħha għall-progress xjentifiku u tekniku.

2. BAŻI ĠURIDIKA

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva (UE) 2015/2193, li skontu l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati għal perjodu ta' ħames snin mit-18 ta' Diċembru 2015. Jirrikjedi wkoll li l-Kummissjoni tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. L-Artikolu 14(3) jgħid li d-delega tas-setgħa tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

Il-Kummissjoni tirrapporta li ma adottatx atti delegati, minħabba (i) id-dati tal-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2193 u (ii) in-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-progress tekniku u xjentifiku marbut mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (IED), jiġifieri l-punt 1 tal-Parti 4 tal-Anness V[2].

B'mod partikolari, filwaqt li d-Direttiva (UE) 2015/2193 tapplika mill-20 ta' Diċembru 2018 għall-impjanti "ġodda"[3], se tapplika biss għall-impjanti "eżistenti"[4] mill-2025 jew mill-2030, skont il-qawwa termika nominali tagħhom. Għalhekk, peress li r-regoli eżistenti għall-valutazzjoni tal-konformità fil-verità ġew implimentati biss għal ftit impjanti "ġodda", jiġifieri dawk installati mill-20 ta' Diċembru 2018, ma hemmx biżżejjed informazzjoni dwar

[1] ĠU L 313, 28.11.2015, p. 1.
[2] ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17
[3] Impjant tal-kombustjoni "ġdid" taħt id-Direttiva (UE) 2015/2193 huwa definit bħala "*impjant tal-kombustjoni mhux eżistenti*".
[4] Impjant tal-kombustjoni medju "eżistenti" taħt id-Direttiva (UE) 2015/2193 huwa definit bħala "*impjant tal-kombustjoni li jkun beda jintuża qabel l-20 ta' Diċembru 2018 jew li jkun ingħata permess għalih qabel id-19 ta' Diċembru 2017 skont il-leġislazzjoni nazzjonali bil-kundizzjoni li l-impjant jibda jopera sa mhux aktar tard mill-20 ta' Diċembru 2018*.

l-implimentazzjoni tar-regoli attwali għall-konformità biex tiġi permessa valutazzjoni dwar jekk hemmx bżonn ta' adattamenti possibbli għad-dispożizzjonijiet eżistenti.

Barra minn hekk, filwaqt li d-dispożizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fil-punt 2 tal-Parti 2 tal-Anness III tad-Direttiva (UE) 2015/2193 jirreferu għad-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fil-punt 1 tal-Parti 4 tal-Anness V tal-IED, dawk id-dispożizzjonijiet dwar l-IED ma ġewx aġġornati minn meta l-IED daħlet fis-seħħ.

4. KONKLUŻJONI

Matul l-aħħar ħames snin, il-Kummissjoni ma eżerċitatx is-setgħat delegati mogħtija lilha skont id-Direttiva (UE) 2015/2193. Hija tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.